**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Magistrat Dottor Nadine Lia B.A; LL.M (Kent); LL.D**

**Avviz Numru: 114/18NL**

**Mohib sive Michael Abouzidan**

**Vs**

**Larissa Attard u permezz ta' digriet datat 10 ta' Jannar 2019 isem l-intimata ghandu jaqra Larissa Jonk**

Illum it-2 ta' Novembru 2021

Il-Qorti

Rat l-avviz tar-rikorrent tal-11 ta' Mejju 2018 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tikundanna lill-intimata thallsu s-somma ta' €5,699.40 rapprezentanti l-prezz ta' varji xogholijiet ezegwiti minnu fuq inkarigu tal-intimata fl-appartament numru 3, Jenepi's Residence, Triq il-Ktajjen, Swieqi.

B'risposta tal-intimata tad-29 ta' Mejju 2018 hija eccepiet (i) qabel xejn li hija rrevertiet ghal kunjom xbubitha Jonk (ii) sussidjarjament il-kawza hija wahda intempestiva u addirittura vessatorja stante li l-ittri taghha baqghu bla twegiba, ma nghatalha ebda rendikont tat-talba tieghu u konsegwentement, sabiex tezimi ruhha mir-responsabbilita', ghaddiet tiddepozita b'cedola l-Qorti s-somma ta' €4,014, ossija s-somma mitluba mir-rikorrent nieqes is-somma ta' €1,686 li l-intimata ssostni huma dovuti lilha mir-rikorrent (iii) in vista ta' dan, l-intimata teccepixxi li l-ammont pretiz mir-rikorrent ghandu jigi pacjut in parti (iv) salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Illi l-intimata pprevaliet ruhha mir-risposta prezentata minnha u ressqet kontrotalba fejn qabel xejn ippremettiet illi kienet inkarigat lir-rikorrent biex iwettqilha xogholijiet fl-appartament taghha u li hija spiccat hallset is-somma ta' €1,686 ghal xogholijiet li kellhom isiru mir-rikorrent u li gew imhallsa minnha. Konsegwentement hija talbet li din il-Qorti tiddikjara li r-rikorrent huwa debitur tal-intimata rikovenzjonanti fis-somma ta' €1,686 u konsegwentement tawtorizza t-tpacija mal-ammont mitlub mir-rikorrent stess.

Illi fir-risposta tieghu ghall-kontrotalba tal-intimata, tat-30 ta' Ottubru 2018, ir-rikorrent rikonvenzjonat eccepixxa illi l-intimata ghandha tipprova li (i) hija tassew nefqet is-somma ta' €1,686 (ii) li r-rikorrent abbanduna x-xoghol u liema xogholijiet kellu jwettaq (iii) li hija nefqet dik is-somma ghal tiswijiet jew kompletar tax-xogholijiet (iv) u li l-istess somma hija certa, likwida u dovuta peress li qed tinvoka t-tpacija.

Rat li fis-seduta tal-10 ta' Jannar 2019, din il-Qorti kif diversament ippresjeduta ordnat l-inverzjoni tal-provi in vista tal-kontrotalba tal-intimata rikonvenzjonanti.[1]

L-intimata pprezentat affidavit[2] fejn fl-istess spjegat kif hi kienet xtrat l-appartament in kwistjoni fis-Swieqi minghand ir-rikorrent, u li hija kellha *budget* stabbilit ghax-xiri ta' certu fornituri tal-kamra tal-banju. Hija tispjega li l-ammont li hija qed titlob jikkomprendi tliet affarijiet: l-ewwel tghid li ghalkemm hi kellha *budget* ta' €1,615 skond il-konvenju taghha, spiccat uzat biss €1,165 minnhom, u ghalhekk kellha €450 bilanc favur taghha li tippretendi li jitnaqqsu mill-ammont dovut lir-rikorrent. It-tieni nett, hija tghid li hija hallset kont dovut mir-rikorrent lil Moda Bagno, ghan-nom tar-rikorrent – u fir-rigward ta' dan il-kont, hija tippretendi li jitnaqqas ukoll mill-kont finali dovut minnha. Dan il-kont kien jammonta ghal €1,045. Finalment, hija tghid ukoll li hija nkorriet spejjez biex sewwiet xi xogholijiet imwettqa mir-rikorrent, liema spejjez ammontaw ghas-somma ta' €450.90.

B'kollox ghalhekk, l-intimata tghid li ghandha tiehu s-somma ta' €1,945.90 minghand ir-rikorrent. Ghal xi raguni, din is-somma ma taqbilx ma' dak pretiz mill-intimata fil-kontrotalba taghha – madankollu, salv ghas-somma ta' €120 (li minn dak li tista' tifhem il-Qorti mid-dokumenti ezebiti tirrigwardja x-xiri tat-*toilet*), l-intimata tiddokumenta l-ammont shih ta' €1,945.90 (salv ghall-istess €120) b'ricevuti u fatturi.

[1] Fol. 29
[2] Fol. 31

Il-Qorti rat li fid-9 ta' Mejju 2019, l-intimata ddikjarat il-provi taghha maghluqa.[3]

Fid-9 ta' Dicembru 2019, l-intimata xehdet in kontro-ezami fejn ikkonfermat li hija marret ghand is-*supplier* indikat lilha mir-rikorrent, u ghalkemm kienet hi li ghazlet il-fornituri tal-kamra tal-banju, il-*mixer* tal-banju gie maghzul minnha wara li s-*supplier* kien ikkonfermalha li ma kellux aktar minn dak originarjament maghzul. Hija tghid li hallset id-differenza imma l-*mixer* kien mis-*suppliers* indikati mir-rikorrent u li kien parti minn *package*. Hija tikkonferma li l-problema fil-kamra tal-banju twieldet proprju minhabba dan il-*mixer* li kien difettuz.

Fl-istess jum, xehed ukoll ir-rikorrent fejn, essenzjalment huwa jghid li l-problema fil-mixer mhijiex responsabbilita' tieghu, imma huwa rizultat tal-mixer li spiccat taghzel l-intimata minghand Moda Bagno. Huwa jghid li huwa jaqbel mal-ammonti indikati mill-intimata, izda ma jaqbilx biss mat-tiswijiet li kellhom isiru proprju minhabba l-*mixer* difettuz. Testwalment, fix-xhieda tieghu jinghad hekk:

*Dr. Paul Farrugia: Do I understand correctly,* ***your only issue is regarding the expenses concerning the repair works that had to be undertaken because of the mixer?***

*Witness:* ***Yes.***[4]

[3] Fol. 40
[4] Fol. 55

Fl-1 ta' Dicembru 2020, sar il-kontroezami tar-rikorrent[5] fejn mistoqsi dwar l-allegazzjoni li kienu l-haddiema tieghu li ghamlu xi zball fl-ezekuzzjoni tax-xogholijiet rigwardanti l-kamra tal-banju, huwa jghid li dan mhuwiex korrett u jghid li meta l-intimata indikatlu li kien hemm problema fil-kamra tal-banju, huwa gie jiccekkja, ghal darba darbtejn, u kkonferma li l-problema kienet proprju fil-*mixer* installat. Oltre numru ta' mistoqsijiet dwar jekk il-mixer kellux isir internament jew esternament, li fl-ahhar ir-rikorrent iwiegeb li kellu jsir *standard* u minn barra, isirulu mistoqsijiet dwar jekk l-intimata qattx talbitu biex thallsu l-kont *qabel* li sar il-kuntratt finali ta' bejniethom. Ir-rikorrent jikkonferma li kien hemm dawn il-komunikazzjonijiet. Huwa jghid ukoll li qabel il-kuntratt finali, ix-xogholijiet kollha kienu lesti – ghalkemm fuq dan il-punt m'hemmx qbil, anke peress li mill-kuntratt finali ta' bejgh jidher li hemm klawsola li tirreferi ghal xi xogholijiet li kienu ghadhom pendenti sal-jum tal-kuntratt ta' bejgh, u li r-rikorrent nghata sal-ahhar ta' Awissu 2017 biex ilestihom.

F'kull kaz, ir-rikorrent, anke in kontroezami jerga' jikkonferma li l-kwistjoni kollha tirrigwardja l-*mixer* difettuz li gie installat.[6] Li ma hemmx qbil huwa dwar min ghandu jerfa' l-ispiza tat-tiswija tal-kamra tal-banju wara li tkisser il-madum sabiex ir-rikorrent jinvestiga proprju minn fejn kienet il-problema fil-kamra tal-banju tal-intimata.

**Ikkunsidrat**

---

[5] Fol. 63

[6] Dan konfermat ukoll mill-intimata in kontroezami fix-xhieda taghha tad-9 ta' Dicembru 2019, pp.2-3

Qabel xejn, din il-Qorti ma tistax ma tinnotax li din il-kawza essenzjalment twieldet dwar tizgwid bejn il-kontendenti fl-ammont ta' €450.90. Ghalkemm l-intimata tghid li r-rikorrent qatt ma ghaddhielha rendikont tal-ammont mitlub minnu, l-istess ammont ma jidher bl-ebda mod kontestat. Kien ikun ferm aktar felici, ghal kulhadd, inkluz ghal din il-Qorti, li kieku r-rikorrent ezebixxa mqar rendikont baziku tat-talba tieghu. Madankollu, l-intimata <u>tammetti</u> l-ammont pretiz mir-rikorrent (salv ghar-"riduzzjoni" mitluba minnha) *proprju* minhabba l-eccezzjoni tat-tpacija mressqa minnha.

B'rizultat tat-tielet eccezzjoni tal-intimata, hija tammetti d-dejn dovut favur ir-rikorrent. Dan il-principju huwa pacifikament accettat fil-gurisprudenza nostrana li tistabbilixxi li l-eccezzjoni tat-tpacija tammonta effettivament ghal rikonoxximent tad-dejn pretiz mill-kontroparti.

F'dan ir-rigward, fis-sentenza **Marianna Spiteri et vs Joseph Vella** (deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-3 ta' Mejju 1993), gie deciz li "*l-eccezzjoni ta' tpacija fiha nfisha tammonta ghall-ammissjoni tad-debitu u li dan id-debitu huwa dovut, biss ma ghandux jithallas ghax huwa pacjut ma' ammont iehor dovut mill-kreditur.*" Anke fis-sentenza fl-ismijiet **John Camilleri et vs Charles Vassallo** (deciza wkoll mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta' Settembru 2011), il-Qorti qalet hekk:

> *"Illi, minbarra dan, it-tpaċija hija meqjusa mil-liġi bħala waħda mill-modi li bihom tintemm obbligazzjoni (Art. 1145(d) tal-Kap 16). Biex*

*isseħħ it-tpaċija, għalhekk, jeħtieġ li jkun hemm obbligazzjoni li toqtol, għal kollox jew f'biċċa, obbligazzjoni oħra kuntrarja. Dan ifisser li t-tpaċija, meta tiġi eċċepita, tammonta għal stqarrija ta' għarfien tal-obbligazzjoni li kontra tagħha t-tpaċija ssir. Kemm hu hekk, ingħad li t-tpaċija hija ammissjoni tal-obbligazzjoni kuntrarja (Art. 1196(2) tal-Kap 16) u twaqqa' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni."*

L-istess principju gie konfermat aktar recentement minn din il-Qorti diversament ippresjeduta fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Tonna et vs Charles Schembri** (deciza mill-Qorti tal-Magistrati [Malta] tal-25 ta' Marzu 2021).

Konsegwentement, din il-Qorti tqis li t-talba tar-rikorrent hija misthoqqa u ghandha tigi konfermata.

Jibqa' ghalhekk il-kwistjoni tal-kontrotalba tal-intimata u jekk din ghandhiex tintlaqa', in parti jew fis-shih.

Mill-assjem tal-provi jidher bic-car li r-rikorrent jaqbel mal-kontijiet li ressqet l-intimata <u>salv</u> ghall-kwistjoni tal-ispiza inkorsa fit-tiswija tal-kamra tal-banju wara li tkissru xi madum biex jinstab id-difett fil-mixer. Din il-Qorti tara li anke l-intimata stess tikkonferma li l-problema kienet fl-istess mixer mixtri minnha u, implicitament, taqbel ukoll li x-xoghol tal-madum kien diga' lest in kwantu tghid li "*Abouzidan's men discovered the faulty warm supply was due to a faulty shower mixer supplied and installed by their bathroom supplier. However, in the process <u>they had dug up the</u>*

bathroom and shower room floors"[7]. Ir-rikorrent imbaghad jghid li huwa ma jahtix ghad-difett tal-mixer u jghid "*but the wrong of the mixer is not my wrong, it's the factory, and the supplier, not the supplier, it's the factory*"[8].

Issa huwa minnu wkoll li f'kuntrattazzjoni ta' appalt, l-appaltatur ghandu jkun responsabbli ghall-materjal li juza' fl-ezekuzzjoni tal-appalt. Madankollu, f'dan il-kaz, ma jidhirx li l-materjal kien uzat mill-appaltatur a xelta tieghu. Jidher li l-ghazla tal-"materjal" (ossija l-*mixer*) kienet dik tal-intimata. Ghalkemm hemm nuqqas ta' qbil bejn il-kontendenti jekk is-*supplier* indikat mir-rikorrent kellu, jew ma kellux, *mixers* differenti minn dak li l-intimata spiccat xtrat, din il-Qorti tqis li dan il-punt mhuwiex relevanti. Verament li l-intimata giet moghtija l-isem ta' ModaBagno biex tixtri t-taghmir ghall-kamra tal-banju taghha, izda ma jidhirx li hija kienet kostretta tixtri minghandhom. Hija kellha 'budget' specifiku li setghet tuza ghall-kmamar tal-banju taghha, u li kieku dehrilha li riedet taghzel minghand xi hanut iehor, ma kellha ebda limitazzjoni li taghmel dan. Gjaladarba jidher pruvat (u mhux kontestat) li r-rikorrent kien lesta x-xoghol tal-kamra tal-banju qabel kellu jerga' jitkisser il-madum biex jigi identifikat is-sors tal-problema f'din il-kamra tal-banju, m'ghandux ikun ir-rikorrent li jbati l-ispiza ta' din it-tiswija, li fl-ahhar mill-ahhar, tikkoncerna hsara li la twieldet minhabba xi nuqqas fl-ezekuzzjoni tax-xogholijiet imwettqa minnu, u lanqas twieldet minhabba xi nuqqas fit-taghmir jew materjal provdut minnu fl-ezekuzzjoni tax-xogholijiet.

---

[7] Fol. 31
[8] Fol. 72

Ghalhekk, din il-Qorti tqis li s-somma ta' €450.90 ghandha tkun sopportata interament mill-intimata.

Dwar l-ammonti l-ohra indikati mill-intimata, din il-Qorti tinnota avarija bejn l-ammont mitlub fil-kontrotalba (€1,686) u dak indikat fl-affidavit taghha (€1,945.90). Jidher pero' li r-rikorrent jaqbel mas-somma ta' €1,045, ossija l-kont li l-intimata hallset lil terzi ghan-nom ta' l-istess rikorrent, u jidher mhux kontestat li l-intimata kellha 'budget' ta' €1,615 ghall-kmamar tal-banju, li minnhom m'uzatx is-somma ta' €450. Konsegwentement, l-intimata ghandha tiehu s-somma ta' €1,495 minghand ir-rikorrent.

Din il-Qorti finalment ma tistax ma tirrimarkax dwar il-fatt li l-vertenza ta' bejn il-kontendenti kienet wahda ta' natura zghira ferm, u li setghet facilment tigi risolta li kieku l-istess kontendenti, bl-assistenza tal-legali taghhom, wrew daqsxejn bwon sens u kooperazzjoni bejniethom.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba tar-rikorrent Mohib sive Michael Abouzidan u tiddikjara lill-intimata debitrici tieghu fis-somma ta' €5,699.40, izda tilqa' in parti t-tielet eccezzjoni tal-intimata, u t-talbiet rikonvenzjonanti u tiddikjara li l-intimata hija kreditrici tar-rikorrent fis-somma ta' €1,495. Konsegwentement, din il-Qorti tikkundanna lill-intimata thallas lir-rikorrent is-somma ta' €4,204.40, bl-imghaxijiet dekorribbli mid-data ta' din is-sentenza. L-ispejjez tal-kawza u tal-kontrotalba ghandhom jigu sopportati nofs bin-nofs bejn il-kontendenti.

**Dr. Nadine Lia**

**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**

**Deputat Registratur**